# Mal-Mixja tas-Snin...

Rachael Cachia

F'dan l-artiklu, ser nagħtu ħarsa lejn anniversarji li qed jiġu mfakkra din is-sena f'Ħal Luqa u fl-Għaqda Mużikali Sant'Andrija, Dan biex nibqgħu niftakru li dak li għandna llum huwa frott tal-ħidma ta' missirijietna li f'kull żmien żammew ħajja t-tradizzjonijiet li għadna ngawdu minnhom sal-ġurnata tal-lum.

**1676 - 340 sena ilu**

F'din is-sena l-marda tal-pesta laqtet lil Ħal Luqa, Din il-marda ħalliet 66 ruħ mejta fi tliet xhur meta l-popolazzjoni tar-raħal kienet ta' 1,100 ruħ. Għalhekk ġiet ikkonsagrata għalqa biex fiha jindifnu dawk li jmutu b'din il-marda. Kif għaddiet l-epidemija l-għalqa ġiet imdawra b'ħajt fejn illum, insibu taċ-ċimiterju ta' Ħal Luqa, fi Triq il-Gudja.

**1866 - 150 sena ilu**

Sar l-ostensorju tal fidda li fih tinżamm ir-relikwa ta' Sant'Andrija u intużat għall-ewwel darba dik is-sena stess fil-festa ta' Sant'Andrija. L-ostensorju kellu jkun immartellat xogħol tal-arġentier Achille Caspa Milanese fuq disinn tiegħu stess.



**1881 - 135 sena ilu**

Mikelanġ Sapiano il-magħruf arluġġar ħadem il-magna tal-arloġġ li tinsab f'wieħed mill-kampnari tal-knisja. Mikelanġ, għalkemm twieled fl-Imqabba, meta żżewweġ ġie joqgħod Ħal Luqa.



**1886 - 130 sena ilu**

Fl-1886 saret l-istatwa ta' Malta Gwerriera biex din tintrama għall-festa ta' Sant'Andrija. Din inħadmet mill-istatwarju magħruf Karlu Darmanin filwaqt li l-pedestall sar mill-imgħallem Gian Patist Cremona u P. Zammit fuq disinn tal-magħruf Ħalluqi, l-Perit Andrè Vassallo.

Fil-festa ta' Sant'Andrija filwaqt li ġiet inawgurata l-istatwa ta' Malta Gwerriera għal dik l-okkażjoni ndaqq għall-ewwel darba l-Inno al Martire San Andrea, kompożizzjoni ta' Mro. Tommaso Galea li għal dak iż-żmien kien uniku għal Ħal Luqa.

Fl-4 t'April tal-istess sena, l-Banda Sant'Andrija kienet mistiedna tesegwixxi programm mużikali taħt id-direzzjoni ta' Mro. Tommaso Galea fl-okkażjoni tat-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-knisja parrokkjali ta' San Ġużepp fl-Imsida. Ix-xogħol tal-bini ta' din il-knisja tmexxa mill-Perit Ħalluqi Andrea Grima.

Is-sena 1886 kienet waħda żvinturata għas-Societa e Filarmonica San Andrea għaliex fit-2 ta' Mejju 1886 tħabbret il-mewt tal-fundatur tas-Soċjetà Giuseppe Micallef wara li kellu inċident sfortunat. L-għada tal-mewt tiegħu sarlu funeral akkumpanjat mis-Societa e Filarmonica San Andrea u ġie midfun fil-knisja parrokkjali.

**1896 - 120 sena ilu**

Fis-26 ta' Novembru, il-Banda Sant'Andrija, b'ġest ta' rieda tajba, offriet li tieħu sehem fil-funeral ta' wieħed mill-bandisti tal-Banda Unjoni li miet b'diżgrazzja tan-nar fil-każin.

Minn dakinhar bdiet l-użanza li meta jmut bandist ta' waħda mill-baned Ħalluqin, il-banda l-oħra tieħu ħsieb idoqq fil-funeral tiegħu. Din l-użanza baqgħet issir sas-snin sittin.

**1901 - 115 sena ilu**

Il-Ħalluqin u l-kleru tal-parroċċa ħassew il-ħtieġa li jkabbru l-knisja parrokkjali, u għalhekk il-kappillan Grima talab lill-Perit Franġisku Sammut sabiex iħejji l-pjanta tan-navi u tal-faċċata ġdida tal-knisja. Fit-12 t'April il-pjanti kienu esebiti fis-sagristija; filwaqt li fl-1 ta' Mejju l-Isqof Pietru Pace approva l-proġett. Ix-xogħol fuq il-bini tan-navi beda nhar is-16 ta' Mejju.



**1906 - 110 snin ilu**

Twaqqfet l-Orchestra San Andrea fi ħdan is-Societa e Filarmonica San Andrea, wara li xi bandisti bdew jitgħallmu xi strumenti tal-korda. Din l-Orkestra bdiet tieħu sehem fil-funzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa, fit-



tridijiet tal-festa ta' Sant'Andrija u kienet ittella' kunċerti f'Ħal Luqa u tiġi anke mistiedna barra mir-raħal.

**1911 - 105 sena ilu**

Fid-29 t'April, ittella' f'postu r-Redentur li nsibu fin-nofs, fuq il-faċċata tal-knisja, bejn il-kampnari. Din l-istatwa nħadmet fuq iz-zuntier stess mill-iskultur Franġisku Saverju Sciortino.

**1916 - 100 sena ilu**

Il-pittur Giuseppe Cali pitter il-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju li jinsab fuq l-altar tal-fratellanza tar-Rużarju.

**1941 - 75 sena ilu**

Hekk kif bdew l-attakki fit-Tieni Gwerra Dinjija, fis-26 ta' Frar 1941, il-każin tal-Banda Sant'Andrija, li dak iż-żmien kien fi Pjazza Sant'Andrija minflok l-għassa tal-pulizija, intlaqat mill-bombi u parti kbira minnu ġġarfet. F'dan it-tiġrif nqerdu



għalkollox diversi dokumenti u tazzi li kienu rregalati lill-banda. Iżda b'xorti tajba kienu salvati l-Bandalori, l-Arkivju Mużikali u l-Istatwa ta' Malta Gwerriera.

**1951 - 65 sena ilu**

Jum li jibqa' mfakkar kien il-21 ta' April 1951, meta wara ħafna qtigħ il-qalb sar it-trasferiment tal-każin għal numru 10 Misraħ



il-Knisja. Dan il-Palazz ingħata l-isem ta' Palazz Bethsaida kif tixhed waħda mill-irħamiet li twaħħlet tliet ijem wara, mal-faċċata tal-każin u kif għadna naraw sal-lum.

Fl-20 t'Awwissu, waqt Laqgħa Ġenerali, tressqet proposta mis-Sur Feliċ Farrugia biex il-festa titulari ta' Sant'Andrija tibda ssir fis-sajf minflok f'Novembru.

**1956 - 60 sena ilu**

Wara li wasal fi tmiemhu l-bini mill-ġdid tal-knisja, fil-Knisja Parrokkjali kien sar il-paviment tal-irħam. F'dik is-sena temm il-parrokat tiegħu, wara 20 sena bħala kappillan ta' Ħal Luqa, Dun Ġużepp Debono. F'Diċembru ta' din is-sena, Dun Innocenzo Borg inħatar bħala l-Kappillan il-ġdid tal-Parroċċa ta' Ħal Luqa. Dak iż-żmien kienet għaddejja kwistjoni taħraq bejn iż-żewġ baned fuq il-preċedenza u b'riżultat ta' dan, ma setax jintlaħaq ftehim. Iżda b'ġest ta' rieda tajba, l-Banda Sant'Andrija aċċettat li takkumpanja lill-kappillan il-ġdid mid-dar tiegħu sal-knisja b'marċi brijużi.

**1976 - 40 sena ilu**

F'seduta ġenerali li saret fit-8 ta' Frar, kien deċiż li tinbena fabbrika għall-manifattura tal-logħob tan-nar biex id-dilettanti tan-nar ikollhom post fejn jaħdmu n-nar għall-festa ta' Sant'Andrija. Fil-11 ta' Novembru nxtrat għalqa fuq il-Wied il-Kbir, limiti ta' Ħal Farruġ u beda l-bini tal-post tan-nar li ngħata l-isem *St. Andrew's Band Fireworks Factory*.

**1981 - 35 sena ilu**

F'Lulju, fuq inizjattiva tas-Sinjura Lilian Serge, twaqqfet l-Għaqda Nisa Partitarji fi ħdan l-Għaqda Mużikali Sant'Andrija. L-għan prinċipali ta' din is-Sezzjoni hu li permezz ta' attivitajiet immirat lejn in-nisa, jinġabru fondi b'risq l-Għaqda Mużikali Sant'Andrija.

Fil-festa ta' dik is-sena, is-Surmast Mro Paul Schembri irregala l-Innu Marċ tal-Banda Sant'Andrija.

**1986 - 30 sena ilu**

Għall-festa tas-sena 1986 id-dilettanti tal-armar tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija żanżnu l-ewwel żewġ trofej minn sett ta' disa', biex jikkumplimentaw il-kolonni u s-sett ta' għaxar linef bil-kolonni tagħhom li kienu saru s-sena ta' qabel.

**1996 - 20 sena ilu**

Minħabba l-ħtieġa ta' aktar spazju fejn jinħadem l-armar, il-membri tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija ħasbu sabiex issir l-estenzjoni tal-maħżen tal-armar fejn ġew mibnija 3 sulari. Dan ix-xogħol sar kollu



Nar maħdum mill-membri dilettanti tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija għal nhar il-festa ta' Sant'Andrija fis-sena 1966







Il-laqgħa li saret ma' Dun Innoċenz Borg flimkien mal-kleru u membri tal-kumitat fis-sede tal-każin tal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija fil-ħatra tiegħu bħala kappillan ġdid ta' Ħal Luqa fl-1956

b'mod volontarju mill-membri dilettanti tal-armar. Permezz ta' dan il-proġett, issa hemm iktar post fejn jinħażen l-armar u anke iktar spazju fejn jinħadem iktar xogħol tal-armar.

**2001 - 15-il sena ilu**

Avveniment mhux tas-soltu kien l-inawgurazzjoni tal-presbiterju fid-19 ta' Marzu tal-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa. Dan il-proġett sar billi l-altar maġġur tressaq fil-kor eżattament taħt l-inkwadru ta' Sant'Andrija ta' Mattia Preti u minn flokhu sar altar mejda kif jitlob il-konċilju Vatikan II.

L-altar mejda sar tal-irħam u mal-faċċata tpoġġiet replika tal-aħħar ċena, skultura

maħduma fl-irħam li qabel kienet tagħmel parti mill-artal maġġur.

Il-Banda Sant'Andrija, sabiex tfakkar il-bidu tal-Millenju l-ġdid, tellgħet Kunċert Sinfoniku fis-Sala Sir Temi Zammit fl-Università ta' Malta. Fost ix-xogħlijiet mużikali esegwiti ndaqqet is-Sinfonija Nru 9 - *From The New World* ta' Antonio Dvorak u r-Rapsodija għall-klarinett *The New Millenium*, kompożizzjoni tas-Surmast Mro Paul Schembri.

Fil-jiem tal-Ġimgħa Mqaddsa ġew inawgurati set ta' statwi, magħmula fit-*terracotta* li juru diversi xeni mill-passjoni, l-mewt u l-qawmien ta' Sidna Ġesù Kristu, xogħol tal-artist Chris Ebejer.

Il-Ħadd 24 ta' Ġunju ġiet irregalata lis-Soċjetà, l-bandiera maġġura sabiex tintuża fil-jiem tal-festa. Għal din l-okkażjoni u sabiex tfakkar il-50 sena anniversarju minn meta s-Soċjetà akkwistat il-każin fejn jinsab illum, sar marċ mill-Banda Sant'Andrija mat-toroq ta' Ħal Luqa.

**2006 - 10 snin ilu**

Fuq inizjattiva tas-Sezzjoni Żgħażagħ Stillieri u b'impenn tagħhom biex ikomplu jkattru l-kutura f'Ħal Luqa ġie rijabilitat u miftuħ għall-pubbliku x-xelter ta' żmien il-gwerra li nsibu fil-pjazez ta' Ħal Luqa. Dan il-post storiku, minn post magħluq, sar monument ħaj ta' dak li għaddew minnu missirijietna fl-għeqqel tat-Tieni Gwerra Dinjija.

**2011- 5 snin ilu**

Fil-Programm Annwali li sar nhar il-Ħadd 27 ta' Novembru ġie esegwit xogħol ġdid ta' Mro. Paul Schembri: il-*Musical* 'Andrija l-Ewwel li Emmen'. Dan ix-xogħol mużikali, maqsum fuq żewġ atti, jirrakkonta l-ħajja tal-appostlu Sant'Andrija, fejn jibda mis-sejħa ta' Andrija sa ma ingħata l-martirju fuq is-salib. Il-kliem ta' dan ix-xogħol mużikali sar mis-Sur George Peresso, filwaqt li l-mużika hija kollha kompożizzjoni ta' Mro Paul Schembri.

RMA | Projects
Turnkey Contractors

Rodney Muscat
Director

Mob: 79403015
E-mail: rodney.rma@gmail.com
12, 'Akajja'
Carmel Street
Luqa LQA1313



L-istatwa ta' Malta Gwerriera armata fid-daħla ta' dik li llum hija Triq id-9 ta' April 1942